# Il-Bijografija ta' Amy Caruana



Amy Caruana hija tfajla ta' sittax-il sena li twieldet f'Malta u tgħix Ħal-Tarxien. Twieldet fis-26 ta' Mejju, 2007. Din id-data inzertat ukoll it-tielet aniversarju taż-żwieġ ta' ommha u missierha.

Omm u missier Amy huma koppja li żżewġu zgħar u kienu ltaqgħu meta kienu l-Università. Andrew, missierha, huwa għalliem tal-matematika u jgħallem ġol-Università ta' Malta. Maria, ommha, hija infermiera ġol-isptar St.James f'Tas-Sliema. Amy hija ż-żgħira minn żewġt aħwa. Ħuha l-kbir jismu Anthony u għandu sbatax-il sena. Hu jħobb ipinġi, jiżfen il-breakdance u jirrappja.

Meta kienet zgħira, Amy attendiet l-iskola St.Michael's, f'Pembroke. Bħalissa Amy qiegħda fl-ewwel sena tagħha, fil-kulleġġ San Alwiġi u qed tistudja biex tikseb il-Livell Avvanzat fil-matematika u x-xjenza. Wara l-Kulleġġ trid tmur tistudja barra, biex tispeċjalizza fir-riċerka medika. Minn dejjem ħadet interess fix-xjenza u fl-2022 intgħażlet mill-iskola tagħha biex tieħu sehem fis-Science Safari. Flimkien ma' sħabha kklassifikat fit-tieni post. F'dawn l-aħħar snin, bdiet ukoll tieħu lezzjonijiet tal-kant u fl-2020 waslet fis-semi finali ta' Malta's Got Talent b'diska rap. Din l-esperjenza għinitha tibni l-kunfidenza tagħha.

Amy hija tfajla kwieta u riflessiva. Dejjem taraha waħidha taqra xi ktieb jew tisma' xi vidjos bil-Franċiż jew bit-Taljan. Tħobb il-lingwi u meta ssiefer tħobb titkellem man-nies tal-lokal bil-lingwa tagħhom. Minkejja li hija tfajla ta' ftit kliem, ilsienha jinħall meta titkellem bil-Franċiż u bit-Taljan. Biex tegħleb il-mistħija tagħha, daħlet f'xi għaqdiet volontarji fosthom is-Sależjani fejn tieħu ħsieb it-tfal ta' bejn il-ħames u s-sitt sena waqt is-summer camp. Tgħin ukoll fl-Island Sanctuary billi darbtejn fil-ġimgħa tmur titma' l-klieb u toħodhom passiġġata.

Fost l-interessi kollħa tagħha, l-akbar wieħed hu l-futbol. Bdiet meta kellha seba' snin mal-klabb Melita. Hi tittrenja tliet darbiet fil-ġimgħa u tilgħab bħala attakkant. Fl-2021, hi u t-tim tagħha rebħu l-kampjonat tan-nisa u hi ġiet ivvutata l-aħjar plejer tas-sena. Apparti l-futbol, hi tħobb ukoll il-karozzi u l-pittura.

Amy hi persuna ottimista u tħares lejn il-futur b'tama u serenità. Temmen fil-potenzjal tagħha u hi ċerta li se tilħaq l-għanijiet tagħha.

**Kitba ta' Federica Vella Bencini**

**L-Iskola Nazzjonali tal-Isport**